

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0188 (NLE)

10270/26
ADD 1

VISA 60
MIGR 155
RELEX 795
COAFR 176
COMIX 133
CH
IS
LI
NO

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Somalja - Dikjarazzjoni mill-Italja

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Italja dwar il-punt I-84

(Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi dwar il-viżi kontra s-Somalja)

Laqgħa tal-Coreper II tal-24 ta' Ġunju 2026

B'referenza għall-adozzjoni proposta tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 (Kodiċi dwar il-Viżi) fir-rigward tas-Somalja, kif tinsab fid-dokumenti 10270/26 u 10268/26, l-Italja tixtieq tagħmel il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

L-Italja ma tiddubitax mill-importanza u l-effikaċja strateġika tal-mekkaniżmu skont l-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi bħala għodda ta' influwenza. Dan jibqa' strument ewlieni biex jinċentiva u jippromwovi kooperazzjoni aktar b'saħħitha minn pajjiżi terzi li ma jurux biżżejjed impenn u kooperazzjoni fil-qasam tar-riammissjoni.

Madankollu, l-Italja ma tqisx li huwa xieraq li jiġi attivat dan l-istrument fir-rigward tas-Somalja f'dan l-istadju, u ser tastjeni.

Żviluppi reċenti juru sinjali ċari u konkreti ta' impenn mill-awtoritajiet Somali. Fin-Note Verbale tagħha tal-20 ta' Ġunju 2026, is-Somalja kkomunikat l-intenzjoni tagħha li, b'effett mill-1 ta' Lulju 2026, tneħħi s-sospensjoni tar-ritorni mhux volontarji fis-seħħ mill-2021 u ħadet l-impenn għal qafas ta' kooperazzjoni strutturat, inkluż riżultati li jistgħu jitkejlu dwar l-ETDs, l-ipproċessar tal-volum ta' każijiet, il-ġestjoni tal-każijiet u r-rapportar, kif ukoll il-ħatra ta' awtorità kompetenti waħda u l-involviment sħiħ fit-tielet djalogu tekniku li jmiss.

Dawn il-passi jindikaw bidla lejn kooperazzjoni operazzjonali li għandha tiġi ppreservata u mħeġġa. Għall-kuntrarju, l-attivazzjoni ta' miżuri restrittivi ddgħajef il-momentum pożittiv u ttaqqal id-djalogu.

Kif diġà ġie ddikjarat fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-4 ta' Ġunju 2026, f'dan l-istadju għandha tingħata prijorità lill-konsolidazzjoni tal-impenn tas-Somalja permezz ta' approċċ komprensiv u kkalibrat bil-prevenzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċità u s-sħubija fil-qalba tiegħu. B'mod parallel, l-involviment reġjonali u diplomatiku msaħħaħ jibqa' essenzjali, flimkien mal-promozzjoni ta' toroq legali, sabiex il-perssonijiet migratorji jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv u sostenibbli mill-għeruf tagħhom.

Abbażi ta' dan, u fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Italja tibqa' konvinta li l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward tas-Somalja għandha tiġi posposta. L-għoti ta' perjodu limitat biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji reċenti jippermetti lill-Unjoni tikkonsolida l-impenn pożittiv ta' bħalissa, filwaqt li żżomm is-setgħa kollha li għandha biex taġixxi, f'każ li l-progress konkret ma jimmaterjalizzax.